Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tas-17 ta' Lulju 2015

li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim ŻEE

(Il-Każ M.7408 — Cargill/ADM Chocolate Business)

(notifikat bid-dokument numru C(2015) 4840)

(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(2017/C 232/13)

Fis-17 ta' Lulju 2015 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [1]*, u partikolarment l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa tista' tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

(1) Fid-19 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ("ir-Regolament (KE) Nru 139/2004"), li permezz tagħha l-impriża Cargill, Incorporated ("Cargill", l-Istati Uniti) beħsiebha takkwista l-kontroll tan-negozju taċ-ċikkulata industrijali tal-impriża Archer Daniels Midland Company ("l-ADM Chocolate Business", l-Istati Uniti) permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi ("it-Tranżazzjoni"). Cargill u ADM Chocolate Business se jissejjħu bħala "l-Partijiet".

I. **IL-PARTIJIET**

(2) Cargill hija kumpanija bbażata fl-Istati Uniti attiva fil-produzzjoni internazzjonali u l-bejgħ tal-ikel, u ta' prodotti u servizzi agrikoli u tal-ġestjoni tar-riskju. In-negozji ta' Cargill jinkludu l-produzzjoni u l-bejgħ ta' ċikkulata industrijali u kisi abbażi ta' xaħam u mili (inkluż compound taċ-ċikkulata) kif ukoll il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw li jkunu użati fil-produzzjoni ta' ċikkulata industrijali.

(3) L-ADM Chocolate Business tipproduċi u tbigħ ċikkulata industrijali u kisi abbażi ta' xaħam u mili, inkluż compound taċ-ċikkulata. Il-kumpanija omm Archer Daniels Midland Company tipproduċi wkoll u tbigħ prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw ("l-ADM's Cocoa Business"). Il-Kumpanija Archer Daniels Midland daħlet f'kuntratt ma' Olam International Limited ("Olam") għall-bejgħ tal-ADM Cocoa Business tagħha [2]. L-attività ADM Cocoa Business upstream b'ħekk tiġi akkwistata minn Olam filwaqt li l-ADM Chocolate Business downstream tinkiseb minn Cargill.

II. **L-OPERAZZJONI**

(4) Fit-28 ta' Awwissu 2014, il-Partijiet iffirmaw il-Ftehim Qafas ta' Xiri skont liema Cargill takkwista l-assi u l-interessi azzjonarji li jikkostitwixxu l-ADM Chocolate Business. Cargill għalhekk se takkwista l-kontroll esklussiv tan-negozju taċ-ċikkulata industrijali tal-ADM permezz tat-Tranżazzjoni.

III. **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

(5) It-Tranżazzjoni twassal għal:

(a) trikkib orizzontali fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' ċikkulata industrijali,

(b) rabtiet vertikali bejn il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti nofshom ipproċessati ta' koka (upstream) u l-produzzjoni u l-bejgħ ta' ċikkulata industrijali (downstream), u

(c) trikkib orizzontali fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' compound ta' ċikkulata,

A. **IS-SWIEQ TAL-PRODOTTI RILEVANTI**

Introduzzjoni għall-katina ta' valur taċ-ċikkulata/tal-kawkaw

(6) Iż-żerriegħa tal-kawkaw maħsuda l-ewwel tiġi imnixxfa u ffermentata. Huma mbagħad jiġu pproċessati u miṫħuna sabiex jipproduċu likur tal-kawkaw. Il-likur tal-kawkaw jista' jkompli jiġi ppressat biex jiġi sseparat il-butir tal-kawkaw (~45 %) u l-kejk tal-kawkaw (~55 %), li jiġi pulverizzat biex jiġi prodott it-trab tal-kawkaw. Il-likur tal-kawkaw u l-butir tal-kawkaw kif ukoll iz-zokkor u t-trab tal-ħalib huma l-materja prima għall-produzzjoni ta' ċikkulata industrijali użati fil-produzzjoni ta' prodotti taċ-ċikkulata tal-konsumatur aħħari bħal ħelu taċ-ċikkulata, gallettini, prodotti tal-ħelu, ġelati u ċereali. Iċ-ċikkulata industrijali tingħata lill-konsumatur jew f'forma likwida (permezz tal-użu ta' trakkijiet tal-kunsinna imsaħħnin) jew f'forma solida.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

[2] L-akkwist ta' Olam International Limited tal-ADM Cocoa Business ġie approvat mingħajr kundizzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea nhar l-10 ta' Ġunju 2015 - ara l-Każ M.7510 – Olam/ADM Cocoa Business.

(7) Il-kisi abbażi ta' xaħam u l-mili huma taħlita ta' xaħmijiet veġetali, zokkor u ingredjent aromatizzant. Il-compund taċ-ċikkulata huwa kisi abbażi ta' xaħam b'togħma ta' kawkaw u mili li xi kultant jintuża minflok iċ-ċikkulata fil-produzzjoni tal-prodotti finali għall-konsumatur minħabba l-proprjetajiet speċifiċi tal-prodott tiegħu jew il-prezz iktar baxx.

Ċikkulata industrijali

(8) Il-Kummissjoni sabet evidenza biex tikkunsidra li ċ-ċikkulata industrijali likwida u solida jistgħu jaqgħu taħt swieq ta' prodotti separati. Il-konsumaturi ta' ċikkulata industrijali, b'mod partikolari dawk li jixtru iktar minn ftit mijiet ta' tunnellati fis-sena, ġeneralment ma jistgħux jaqilbu bejn ix-xiri ta' ċikkulata industrijali likwida u solida. Iċ-ċikkulata industrijali likwida hija irħas u t-trattament tagħha fl-impjant tal-ipproċessar ikun aktar faċli u jieħu anqas ħin. Barra minn hekk, it-tibdil bejn il-produzzjoni ta' ċikkulata industrijali likwida u solida jeħtieġ investiment f'tagħmir addizzjonali u mhux il-forniturі kollha huma kapaċi jfornu kemm ċikkulata industrijali solida kif ukoll likwida. Madankollu, id-definizzjoni tas-suq tal-prodott tista' ma tiġix stabbilita f'dan ir-rigward minħabba li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx tkun xi tkun id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott.

(9) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll distinzjoni potenzjali bejn ċikkulata bajda, skura u tal-ħalib, u bejn ċikkulata industrijali standard u dik mhux standard (li tinkludi ċikkulata ċċertifikata, organika u/jew traċċabbli). Id-definizzjoni tas-suq tal-prodott tista' ma tiġix stabbilita f'dan ir-rigward peress li ma taffettwax l-eżitu tal-valutazzjoni kompetittiva.

Prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw

(10) Filwaqt li titqies il-każistika preċedenti tagħha, il-Kummissjoni tqis li prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw għandhom jiġu ssegmentati fis-swieq tal-prodotti separati għal-likur tal-kawkaw, il-butir tal-kawkaw u t-trab u l-kejkijiet tal-kawkaw. Barra minn hekk, ma hemmx għalfejn jiġi stabbilit jekk il-prodotti tal-kawkaw nofshom pproċessati standard u mhux standard jikkostitwixxux swieq separati tal-prodott peress li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx tkun xi tkun id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott.

Il-kisi abbażi ta' xaħam u mili/compound taċ-ċikkulata

(11) Il-Kummissjoni tqis li l-compound taċ-ċikkulata jaqa' f'suq tal-prodott separat miċ-ċikkulata industrijali minħabba differenzi fil-prezz, it-togħma u l-konsistenza u regolamenti fuq il-prodotti. Id-domanda addizzjonali jekk il-compound taċ-ċikkulata jikkostitwixxix suq separat minn mili abbażi ta' xaħam ieħor ma hemmx għalfejn tiġi stabbilita minħabba li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx tkun xi tkun id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott.

B. **IS-SWIEQ ĠEOGRAFIĊI RILEVANTI**

Ċikkulata industrijali

(12) Il-Kummissjoni tqis li s-suq ġeografiku rilevanti għaċ-ċikkulata industrijali mhuwiex mifrux madwar iż-ŻEE, iżda jikkorrispondi għal żoni ta' lħuq ċirkolari ta' distanza ta' 500 km madwar l-impjanti tal-Partijiet jew madwar il-konsumaturi tal-Partijiet. Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza f'dan il-każ favur is-swieq nazzjonali.

(13) Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-Partijiet, l-investigazzjoni tas-suq żvelat bosta elementi li jindikaw li l-karatteristiċi fiżiċi u ta' domanda taċ-ċikkulata industrijali jillimitaw id-distanza li l-prodott jgħaddi minnha meta jiġi kkonsenjat fil-prattika. Il-Kummissjoni ġabret dejta fil-livell tat-tranżazzjonijiet għas-snin 2013 u 2014 mingħand il-Partijiet u l-kompetituri ewlenin tagħhom taċ-ċikkulata industrijali. Ix-xejriet ta' konsenja evidenti minn din id-dejta juru li 80 % taċ-ċikkulata industrijali kollha tinbiegħ f'distanza ta' madwar 500 km. Barra minn hekk, iċ-ċikkulata likwida tiġi ttrasportata fuq distanzi relattivament iqsar meta mqabbla maċ-ċikkulata solida. Il-maġġoranza tal-konsumaturi spjegaw li huma jiddependu fuq konsenja fil-ħin, b'mod partikolari minħabba kapaċitajiet ta' ħżin limitati, u li għalhekk huma jfornu ċikkulata likwida f'distanzi relattivament qosra.

(14) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni wriet ukoll li l-fruntieri nazzjonali jkollhom rwol ukoll fix-xejriet tal-akkwisti u l-konsenji ta' ċikkulata industrijali. Pereżempju, ir-rikostruzzjoni tal-Kummissjoni wriet li 70 % taċ-ċikkulata likwida użata fil-Ġermanja jiġi prodott fil-Ġermanja. Dawn iċ-ċifri huma saħansitra ogħla fi Franza (76 %), ir-Renju Unit (90 %), in-Netherlands (86 %) u l-Belġju (98 %) u juru li x-xiri transfruntier mill-konsumaturi huwa ġeneralment limitat.

(15) Madankollu, id-definizzjoni tas-suq ġeografiku tista' ma tiġix stabbilita minħabba li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx tkun xi tkun id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott.

Prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw

(16) Hemm elementi biex jiġi kkunsidrat li s-suq ġeografiku għal prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw jista' jkun jew mifrux maż-ŻEE inkella jkun globali fl-ambitu tiegħu. Madankollu, id-definizzjoni tas-suq ġeografiku tista' ma tiġix stabbilita minħabba li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx tkun xi tkun id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott.

Il-kisi abbażi ta' xaħam u mili/compound taċ-ċikkulata

(17) Is-suq ġeografiku għal kisi abbażi ta' xaħam u mili, inkluż il-compound taċ-ċikkulata, ma hemmx għalfejn jiġi stabbilit peress li l-valutazzjoni kompetittiva ma tinbidilx irrispettivament minn jekk ikunx definit bħala nazzjonali jew żoni ta' lħuq madwar l-impjanti tal-Partijiet.

C. **VALUTAZZJONI KOMPETITTIVA**

Duplikazzjoni orizzontali fiċ-ċikkulata industrijali rigward il-Ġermanja

(18) L-entità fuża jkollha sehem mis-suq aktar minn [50–60] % fuq il-livell nazzjonali Ġermaniż u mill-inqas aktar minn [50–60] % (u anki aktar minn [50–60] % jew [60–70] % f'ħafna każijiet) għad-diversi żoni ta' lħuq definiti permezz tal-impjanti jew il-konsumaturi li jistgħu jiġu kkunsidrati fir-reġjuni ta' bejgħ madwar l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja. Barra minn hekk, is-swieq ta' ċikkulata industrijali madwar l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja huma kkonċentrati u t-Tranżazzjoni twassal għal żieda mdaqqsa f'livelli ta' konċentrazzjoni kif imkejla mill-indiċi HHI.

(19) Il-maġġoranza ċara ta' konsumaturi b'faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Ġermanja li wieġbu għall-istħarriġ tas-suq tal-Kummissjoni wrew thassib dwar l-impatt tat-Tranżazzjoni, b'mod partikolari rigward iż-żidiet fil-prezzijiet. Uħud mill-kompetituri ikkonfermaw li t-Tranżazzjoni twassal għal żidiet fil-prezzijiet u l-marġini minħabba t-tnaqqis mistenni fil-kompetizzjoni.

(20) Rigward il-qrubija tal-kompetizzjoni bejn il-Partijiet, il-prossimità ġeografika tal-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja, l-integrazzjoni upstream tagħhom fil-forniment taż-żerriegħa tal-kawkaw, l-attivitajiet tagħhom fl-ipproċessar ta' ingredjenti nofshom ipproċessati tal-kawkaw, il-kapaċità tagħhom li jaqdu s-segment b'volum sinifikanti tas-suq kif ukoll id-daqs tagħhom u l-iskala globali jwasslu għal pożizzjonament simili ta' Cargill u ADM fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċikkulata industrijali.

(21) Il-konsumaturi tal-Partijiet fir-reġjuni ta' bejgħ madwar l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja jistgħu jkollhom xi diffikultajiet biex ibiddlu għal fornituri oħra u għalhekk jistgħu jkunu vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet minħabba li i) il-konsumaturi jiddependu fuq multi-sourcing biex jinkisbu sigurtà tal-provvista u prezzijiet kompetittivi, ii) hemm ftit fornituri alternattivi disponibbli, u iii) ħafna minn dawk il-fornituri alternattivi ikollhom nuqqasijiet rilevanti meta mqabbla mat-tliet fornituri kbar Barry Callebaut u l-Partijiet minħabba d-daqs żgħir tal-impjanti ta' produzzjoni tagħhom, il-portafoll tal-prodotti limitat tagħhom, ir-relazzjoni kompetittiva tagħhom ma' konsumaturi potenzjali fis-swieq downstream, il-lok fejn jinsabu l-impjanti tal-produzzjoni tagħhom u/jew il-kwalità tal-prodotti ta' ċikkulata industrijali tagħhom.

(22) Barra minn hekk, il-kompetituri tal-Partijiet fir-reġjuni ta' bejgħ madwar l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja jiffaċċjaw limitazzjonijiet tal-kapaċità u għalhekk bħalissa ma għandhomx il-kapaċità biex iżidu l-provvista biżżejjed biex jegħlbu żieda fil-prezzijiet potenzjali bejn il-Partijiet wara t-Tranżazzjoni. Filwaqt li l-kompetitriċi prinċipali tal-Partijiet, Barry Callebaut, bħalissa għandha pjanijiet biex tkabbar il-kapaċità tagħha fl-Ewropa tal-Punent, il-Kummissjoni tqis li din iż-żieda fil-kapaċità ma tipprovdihiex b'inċentivi addizzjonali biex tegħleb żieda fil-prezz ta' ċikkulata likwida wara t-Tranżazzjoni minħabba li l-objettivi strateġiċi ewlenin ta' Barry Callebaut huma għall-iżvilupp tan-negozju fi swieq emerġenti, fis-settur ta' sottokuntrattar għal konsumaturi kbar ħafna bħal Unilever jew Mondelez u fi prodotti gastronomiċi/ta' speċjalità.

(23) Minħabba l-ostakoli għad-dħul abbażi tal-kuntatti tal-Kummissjoni ma' dawk li potenzjalment jidħlu fis-suq kif indikat mill-Partijiet (inklużi produtturi taċ-ċikkulata integrata vertikalment bħal MONDELEZ u Nestlé), il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli li jkun hemm dħul futur fis-suq f'ċikkulata industrijali fir-reġjuni ta' bejgħ madwar l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza konklużiva ta' biżżejjed setgħa kompensatorja tax-xerrej, b'mod partikolari mhux minn konsumaturi żgħar jew ta' daqs medju ta' ċikkulata industrijali sabiex jimponu restrizzjoni kompetittiva sinifikanti fuq il-Partijiet.

Duplikazzjoni orizzontali fiċ-ċikkulata industrijali rigward pajjiżi oħrajn

(24) L-istruttura tas-suq fil-Belġju, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit tvarja b'mod konsiderevoli mill-istruttura tas-suq fil-Ġermanja u fiż-żoni rilevanti li jikkoinċidu bejn l-impjanti tal-Partijiet fil-Ġermanja.

(25) Fir-Renju Unit, is-sehem tas-suq kombinat tal-Partijiet huwa inqas (b'madwar 25 %) u Barry Callebaut huwa l-mexxej tas-suq b'66 %. B'mod ġenerali dawk li wieġbu għall-investigazzjoni tas-suq tar-Renju Unit ma identifikaw l-ebda impatt kompetittiv li jirriżulta mit-Tranżazzjoni, minħabba l-ishma kombinati moderati u l-preżenza ta' kompetitur b'saħħtu. L-istess jgħodd għall-Belġju u n-Netherlands fejn tapplika struttura tas-suq simili. Fi Franza, it-Tranżazzjoni ma tqajjimx tħassib dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-preżenza żgħira ta' ADM u l-pożizzjoni b'saħħitha ta' fornitur alternattiv Cémoi.

Rabtiet vertikali bejn prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw u ċikkulata industrijali

(26) It-tranżazzjoni twassal għal rabtiet vertikali bejn l-attivitajiet ta' Cargill fil-produzzjoni u l-forniment ta' prodotti tal-kawkaw u nofshom lesti u l-attivitajiet downstream tal-Partijiet f'ċikkulata industrijali. Peress li l-pożizzjoni ta' Cargill hija moderata fuq swieq tal-kawkaw upstream u hemm għadd ta' fornituri alternattivi, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni ma twassalx għal tħassib dwar esklużjoni ta' dħul fir-rigward tal-prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw.

(27) Barra minn hekk, bħala parti mit-Tranżazzjoni, Cargill u l-ADM Cocoa Business daħlu f'arranġament ta' fornitura tranżizzjonali skont liema Cargill tixtri prodotti tal-kawkaw mill-ADM Cocoa Business biex tforni ċikkulata industrijali lill-fabbriki akkwistati f'din it-tranżazzjoni. Madankollu, mhux se jkun hemm tibdil fil-kapaċità disponibbli fis-suq kummerċjali. Barra minn hekk, Cargill għandha kapaċità żejda fi prodotti tal-kawkaw. Il-Kummissjoni għal-hekk tqis li dan il-ftehim ta' forniment tranżizzjonali ma joħloqx inċentivi għall-partijiet fil-fużjoni biex titnaqqas il-kompetizzjoni fis-swieq tal-kawkaw upstream u li l-inċentivi għal Cargill għat-tiġdid tal-ftehim huma baxxi wisq biex jitqajjem kwalunkwe tħassib dwar il-kompetizzjoni.

Trikkib orizzontali fil-kisi abbażi ta' xaħam u mili/compound taċ-ċikkulata

(28) L-ishma tas-suq kombinati tal-Partijiet f'kisi abbażi ta' xaħam u mili u f'compound taċ-ċikkulata huma modesti u jwasslu biss għal żewġ swieq affettwati b'ishma tas-suq ta' madwar 30 % (b'żidiet limitati f'ishma tas-suq ta' inqas minn 5 % u inqas minn 10 % rispettivament). Ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq ma pprovdietx evidenza li kien hemm xi tħassib dwar il-kompetizzjoni marbuta ma' kisi abbażi ta' xaħam u mili jew għal compound taċ-ċikkulata b'mod speċifiku.

Konklużjoni

(29) Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni twassal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fis-suq għal ċikkulata industrijali mibjugħa lil konsumaturi fil-Ġermanja jew lil konsumaturi li jinsabu f'żoni kondiviżi taż-żoni ta' lħuq tal-impjant tal-ADM f'Mannheim/il-Ġermanja u l-impjanti ta' Cargill fil-Ġermanja.

(30) It-Tranżazzjoni ma twassalx għal impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għal (i) ċikkulata industrijali mibjugħa lil konsumaturi li jinsabu fiż-żoni kondiviżi taż-żoni ta' lħuq tal-impjanit tal-ADM u Cargill fil-Belġju, Franza u r-Renju Unit, (ii) prodotti nofshom ipproċessati tal-kawkaw u (iii) compound taċ-ċikkulata.

D. **IMPENJI**

Deskrizzjoni tal-impenji

(31) Il-Partijiet issottomettew modifiki għat-Tranżazzjoni fl-4 ta' Mejju 2015, ("l-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015") biex jindirizzaw it-tħassib marbut mal-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni. Skont l-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015, Cargill qed tipproponi li ċċedi l-impjant taċ-ċikkulata industrijali tal-ADM f'Mannheim/il-Ġermanja lil xerrej adattat. L-impjant ta' Mannheim huwa l-akbar mill-impjanti taċ-ċikkulata industrijali Ewropej tal-ADM. Huwa l-uniku impjant taċ-ċikkulata industrijali tal-ADM fil-Ġermanja.

(32) L-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 jinkludu ftehim ta' forniment li għandu jiġi konkluż fuq għażla tax-xerrej ma' Olam jew ADM, liema minnhom ikun is-sid tal-ADM Cocoa Business, jew ma' Cargill. L-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 ma jinkludu l-ebda drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, il-kuntratti marbutin mal-produzzjoni ta' ċikkulata ta' speċjalità jew il-kuntratti ma' konsumaturi sakemm il-volumi ma jkunux kompletament maħduma fl-impjant ta' Mannheim. Barra minn hekk, l-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 ma jinkludu l-ebda kriterji speċifiċi li jirrikjedu li x-xerrej ikollu għarfien speċifiku fil-katina ta' valur tal-kawkaw u taċ-ċikkulata.

Valutazzjoni tal-impenji

(33) L-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 jeliminaw it-trikkib kważi kollu tal-bejgħ fil-Ġermanja u ż-żona fejn ġie identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni u b'hekk jiġi indirizzat it-tħassib li jirriżulta mit-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet tal-Partijiet f'dawk iż-żoni. Għaldaqstant, il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu l-eżamijiet tas-suq ikkunsidraw li l-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 jneħħu kull tħassib dwar il-kompetizzjoni li tqajjem mit-Tranżazzjoni.

(34) Madankollu, abbażi tar-riżultati tal-eżamijiet tas-suq u l-valutazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni qieset li l-Impenji tal-4 ta' Mejju 2015 qajmu tħassib fl-aspetti ewlenin li ġejjin:

(a) In-negozju taċ-ċikkulata ta' speċjalità kien eskluż miċ-ċessjoni;

(b) Il-kriterji tax-xerrej ma kinux jirrikjedu li x-xerrej ikollu għarfien speċifiku fil-katina ta' valur tal-kawkaw u taċ-ċikkulata.

(c) Il-ftehim ta' forniment ma kienx jippermetti biżżejjed flessibilità għax-xerrej f'termini ta' volumi mixtrija u bidliet fil-volumi ta' sena b'sena,

(35) Il-Partijiet ippreżentaw impenji modifikati fit-22 ta' Mejju 2015 li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod adegwat.

(36) Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għaldaqstant tikkonkludi li, abbażi tal-Impenji tat-22 ta' Mejju 2015, il-konċentrazzjoni notifikata ma twassalx għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fis-suq għal ċikkulata industrijali mibjugħa lil konsumaturi fil-Ġermanja jew lil konsumaturi li jinsabu f'żoni kondiviżi taż-żoni ta' lħuq tal-impjant tal-ADM f'Mannheim/il-Ġermanja u l-impjanti ta' Cargill fil-Ġermanja.

IV. **KONKLUŻJONI**

(37) Għal dawn ir-raġunijiet li ssemmew hawn fuq, id-deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se tostakola b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Intern jew f'parti sostanzjali tiegħu, soġġett għal konformità mal-Impenji ta' Cargill tat-22 ta' Mejju 2015.

(38) Konsegwentement, il-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-Suq Intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.